L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: Il-Gimgha, 21 ta' Frar, 2003

**Rapporti fuq rapporti**

Dan l-ahhar, figura li zgur li saret importanti f'pajjizna grazzi ghad-diversi drabi li tkellmu dwarha l-mexxejja politici, kien il-Professur Lauri u r-rapport li huwa fassal dwar kif tista' tigi affettwata l-Università Maltija bi shubija shiha fl-U.E.

Izda li laqatni hafna fl-istorja kollha tar-rapport tal-Professur Lauri huma l-konkluzjonijiet tiegu – u dan mhux ghax kienu sorprendenti, izda ghax ma kinux!

Fl-ekonomija ssir hafna konsultazzjoni – li dan l-ahhar sirna wisq midhla maghha ghax il-politici taghna saru hlief rapporti minn hemm u rapporti minn hawn ma jikkwotawx. Il-bicca hi li jekk naha tohrog rapport, daqshekk iehor min-naha l-ohra, johrog rapport iehor. U jekk ta' naha r-rapport ikun ippreparat minn professor, daqshekk iehor tan-naha l-ohra jkun ippreparat minn Professur.

Però, apparti t-titli kollha li, huwa ta' soghba huwa l-fatt, li professur bi professur xorta m'ahniex naqblu! U bir-rispett kollu lejn il-professuri kollha, l-ekonomija qatt ma kienet matematika! Tista' tasal ghal iktar minn konkluzjoni wahda ghalkemm dejjem tista' timxi mal-linji gwida! Sfortuna wahda hemm – li qeghdin inrawmu mentalità gdida fejn kull ma naghmlu qabel irridu l-konsultazzjoni tal-professuri – li tiswa l-flus. Bhalissa, ghaldaqshekk, m'humiex sejrin hazin – nerga' nghid, bir-rispett kollu, ghax il-fatt li kull partit, *union*, ghaqda, programm televiziv, grupp ta' kull erbgha minn nies jitkellmu fuq mejda jaghmlu rapport xjentifiku se jgholli l-introjtu ta' dawn in-nies bil-kbir!

Dawn ir-rapporti kemm-il darba nsejhulhom *impact assessments*, nemmen bis-shih fihom meta jsiru b'serjetà vera, u nemmen li ghandhom isiru fejn hemm dubju u mhux fejn hemm certezza, izda ghandhom isiru f'waqthom! Hafna drabi l-professur li jaghmel ir-rapport, jekk ir-rapport fih innifsu jirrizulta pozittiv jew negattiv, qabel ir-rapport ikun jaf digà ghalxiex irid jasal u nsibu ruhna f'sitwazzjoni ta' "*the end justifies the means*" mhux "*the means justifies the end*"! Fi kliem iehor dawn il-professuri jkunu prekundizzjonati u biex jaslu jkunu biss qeghdin jiggustifikaw ir-rizultat li jridu johorgu mir-rapport b'argumenti ekonomici u ta' statistika xjentifika!

Inkunu qeghdin nimxu b'lura fejn tibda mir-rizultat u, tohloq il-process li wassal ghalih iktar milli tibda mill-bidu, u tohrog rizultat li jsir maghruf biss fl-ahhar!

Apparti dan kollu, ghalkemm dan l-abbuz tal-professur jista' jsir facilment, ghax huwa wkoll hu tad-demm u l-laham, wara li johrog ir-rizultat u liema ragunament politiku, ekonomiku u xjentifiku wassal ghalih trid tisma' l-interpretazzjonijiet tieghu! Kulhadd juzah ghalli jaqbel lilu! Darba kien hemm xi hadd qal li l-letteratura u l-kritika taghha, jigifieri l-interpretazzjoni taghha, huma zewg affarijiet distinti minn xulxin bhall-hniezer u l-istudju tal-hniezer!

Ma niftakarx liema professur kien qalha din! U fil-fatt hekk hu! Dan jikkonfermah tajjeb il-kantant Elton John li kien ghamel diska ma' siehbu li l-lirika taghha kienet maghmula apposta biex ma taghmilx sens, u wara tghidx kemm dahqu l-kritici, ghax issemma l-gheneb qalu li kienu qeghdin jirreferu ghall-ahhar cena u s-sofferenza, u ghax issemmiet familja ghall-valuri tal-familja ecc., ecc.! U din kienet lirika li proprju ma taghmilx sens – proprju mahluqa ghal dan il-ghan!

U kulhadd, ghax maghmula minn kantant kbir, jiskanta xi profondità ta' hsieb fiha! Nahseb s'issa drajtuni li mhux l-ewwel darba naghti ezempji ta' kurzitajiet helwin li mhux necessarjament gejjin

mid-dinja tal-politika – izda li ghandhom relevanza kbira ghax huma wkoll realtajiet li jezistu wkoll fid-dinja tal-politika. U hekk ukoll qieghed jigri b'dawn ir-rapporti li wiehed jista' jargumenta li ghandhom valur ghas-socjetà hafna iktar mill-istudju fuq il-hniezer jew minn xi erba' kelmiet kantati! Ir-rapport li nistghu nghidulu t-tarbija tal-professur, specjalment jekk ikun sar b'dedikazzjoni, imhabba u ghozza, malli jitlaq minn idejn il-professur jigi mmassakrat u mtertaq mill-politici!

Qieghda nghid dan kollu biex niftah ukoll ghajnejn il-qarrejja, is-semmiegha u t-telespettaturi – fi kliem iehor il-votanti. It-triq ta' kommunikazzjoni hija twila bejn il-veru mohh tal-professur u l-mohh li jircevieh u jipprova jifhmu dak taghhom. L-informazzjoni kollha, biex nghidu hekk, tghaddi minn hafna passaturi qabel tasal ghand ic-cittadin. Tabilhaqq li bhalissa l-informazzjoni ma tigix *overseas* ghax ghadna rajna f'idejna, minn taghna f'taghna u kollha bil-Malti u kollha bil-miftuh. Ghalkemm hawn min ghandu jahseb li jekk insiru parti mill-Unjoni se jkun hawn iktar trasparenza! Ha jsiru qeghdin taparsi fuq l-ghatba ta' l-Unjoni, fejn m'hemmx ghalfejn ikollok il-friza ghax tiffriza xorta u, fi 12-il sena nistennew, zgur qabditna s-sirda, u anke jekk ma xtaqniex insiru Svizzera, Svizzera, xorta sirna! Il-politici taghna m'ghadhomx kuntenti bl-esperjenza ta' min jimpjegaw u taghhom infushom, izda dahlitilhom marda gdida – li biex jaghmlu xi haga tajba jridu jqabbdu professur barrrani u indipendenti!

Heqq u jhallsu iktar! Ara, tabilhaqq qieghed joghla l-livell ta' ghajxien ta' certu nies! U donnha li din il-marda qieghda ssir endemika jew epidemika!

*Ghal kummenti jew suggerimenti iktbuli fuq lornav@onvol.net*